

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 11.6.2008
KUMM(2008) 310 finali

2005/0239 (COD)

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 251(2) tat-Trattat tal-KE

dwar

**pożizzjoni komuni tal-Kunsill bil-għan ta' l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament
Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2002/59/KE li tistabbilixxi sistema għall-
monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità**

(preżentata mill-Kummissjoni)

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 251(2) tat-Trattat tal-KE

dwar

pożizzjoni komuni tal-Kunsill bil-għan ta' l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2002/59/KE li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità

1. SFOND

Data tat-trażmissjoni tal-proposta lill-PE u lill-Kunsill [dokument COM(2005)589 finali - 2005/0239 (COD)]	9.01.2006
Data ta' l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni	15.06.2006
Data ta' l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	13.09.2006
Data ta' l-opinjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari:	25.04.2007
Data ta' l-adozzjoni tal-pożizzjoni komuni:	6.06.2008

2. L-GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Il-proposta għal direttiva li temenda d-Direttiva 2002/59/KE li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità tikkostitwixxi sensiela ta' miżuri li għandhom l-għan isaħħu u jikkompletaw l-intier tal-leġislazzjoni eżistenti dwar is-sikurezza marittima.

Din il-proposta għandha l-għan li tikkompleta, issaħħaħ u tiċċara d-Direttiva 2002/59/KE eżistenti, fir-rigward tal-punti li ġejjin:

- Il-kjarifika u t-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva attwali dwar l-akkomodazzjoni tal-bastimenti f'diffikultà f'postijiet ta' rifuġju. L-għan huwa li jiġi stabbilit il-prinċipju ta' l-akkomodazzjoni tal-bastimenti f'diffikultà f'post ta' rifuġju, ħlief fejn valutazzjoni tas-sistema twassal għal konklużjoni differenti. L-għan huwa wkoll li jiġi żgurat li l-awtoritajiet indipendenti responsabbli għan-nomina ta' l-aktar postijiet ta' rifuġju xierqa jiġu identifikati b'mod ċar u jkollhom l-informazzjoni meħtieġa għat-teħid ta' deċizzjonijiet rapidi, inkluża informazzjoni preċiża dwar iż-żoni kostali disponibbli bħala postijiet ta' rifuġju.
- Obbligu biex jiġi nstallat tagħmir (AIS – Automatic identification Systems) li jippermetti l-identifikazzjoni awtomatika tal-bastimenti tas-sajd ta' tul ta' aktar minn 15-il metru. Dan it-tagħmir se jtejjeb l-identifikazzjoni u l-lokalizzazzjoni

tal-bastimenti tas-sajd, partikolarment minn bastimenti merkantili, u b'hekk jitnaqqas ir-risku ta' l-inċidenti.

- Użu mifrux tan-network telematiku SafeSeaNet għall-iskambju tad-dejta. Din is-sistema, żviluppata mill-Kummissjoni u mħaddma mill-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima, se tippermetti lill-awtoritajiet jimmonitorjaw bi preċiżjoni l-movimenti tal-bastimenti u l-merkanzija tagħhom.
- Obbligu li t-trasportaturi jipprovdu lill-kaptani b'taġhrif dettaljat dwar il-merkanzija, partikolarment sabiex tittejjeb il-ġlieda kontra t-tniġġis abbażi ta' għarfien aħjar tal-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi tal-prodotti involuti.
- Dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Istati kostali jieħdu miżuri xierqa sabiex inaqqsu l-periklu potenzjali għat-tbaħħir minħabba l-formazzjoni tas-silġ f'ċerti żoni ta' l-ibħra fit-Tramuntana ta' l-Unjoni Ewropea. Din il-kwistjoni hija partikolarment importanti minħabba r-riskju akbar li jirriżulta mill-volumi akbar ta' żejt ittrasportati fil-Baltiku.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI KOMUNI

Il-Kunsill imur lil hinn b'mod sinifikanti minn punt sostanzjali tal-proposta tal-Kummissjoni, jiġifieri l-kwistjoni tal-postijiet tar-rifuġju, li l-Kummissjoni ma tistax taċċetta. Dan hu minħabba l-fatt li l-Kunsill naqqas konsiderevolement l-ambitu tal-proposta tal-Kummissjoni billi l-ewwelnett ħassar il-prinċipju li l-bastimenti f'diffikultà iridu jiġu akkomadati f'postijiet ta' rifuġju, soġġett għar-riżultat ta' valutazzjoni tas-sitwazzjoni, u t-tieni minħabba r-rekwiżit għall-Istati Membri biex iwaqqfu awtorità indipendenti biex tivvaluta s-sitwazzjoni u tiegħu deċiżjoni.

Madankollu, il-Kummissjoni tifhem li indipendenza bħal din hija essenzjali sabiex jiġi żgurat li l-aħjar deċiżjoni xierqa tittieħed f'waqtha, ħielsa minn pressjonijiet politiċi lokali, sabiex il-bastimenti f'diffikultà jinġiebu sikuri jew inkella jiġi kkontrollat it-tniġġis fejn ma jistax jiġi evitat u b'hekk jitnaqqaslu l-effett, ukoll fuq il-pajjiżi ġirien.

Il-Kummissjoni għalhekk tiegħu nota tal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill, adottata bl-unanimità, iżda tisħaq dwar il-fehma diverġenti tagħha dwar il-kwistjoni ewlenija tal-postijiet ta' rifuġju.

Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tinnota lil l-Kunsill jappoġġa aspetti oħra tal-proposta tagħha, partikolarment billi jaċċetta li bastimenti tas-sajd b'tul ta' aktar minn 15-il metru għandhom jiġu mgħammra b'sistemi ta' identifikazzjoni awtomatika -AIS- sabiex jitnaqqas ir-riskju tal-ħabtiet, u billi jagħraf il-hteġa li jiġi żgurat li s-SafeSeaNet, jiġifieri n-network tal-Komunità għall-iskambju tad-dejta għall-bastimenti u l-movimenti u l-merkanzija tagħhom, joperaw kontinwament, jiġifieri 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa

4. OSSERVAZZJONIJIET DETTALJATI TAL-KUMMISSJONI

4.1. Emendi aċċettati mill-Kummissjoni u inkorporati għal kollox jew parzjalment fil-pożizzjoni komuni

L-emendi 17, 20 u 22 jagħtu kjarifiki siewja tal-proposta tal-Kummissjoni, partikolarment fir-rigward tad-definizzjoni tas-sistema LRIT u ż-żieda tat-test ta' referenza internazzjonali (l-emenda 17).

4.2. Emendi aċċettati mill-Kummissjoni, iżda mhux inkorporati fil-Pożizzjoni Komuni

L-emendi 1, 4, 12, 16, 18, 25, 26, 27, 28, 30, 36, 42, 43 et 48 jikkostitwixxu, fil-fehma tal-Kummissjoni, kjarifiki u jew żidiet siewja għat-test tal-proposta tagħha.

L-emendi 5, 31 u 33 dwar it-twaqqif ta' awtoritajiet kompetenti li għandhom l-għarfien espert meħtieġ u li huma indipendenti għall-fatt li għandhom is-setgħa jieħdu deċiżjonijiet fuq inizjattiva tagħhom stess dwar l-akkomodazzjoni tal-bastimenti f'postijiet ta' rifuġju, huma appoġġati għall-kollox mill-Kummissjoni.

L-istess japplika għall-emendi 8, 34, 39 u 40 dwar il-prinċipju ta' l-akkomodazzjoni f'postijiet tar-rifuġju.

Il-Kummissjoni tappoġġa wkoll l-emendi 13, 14 u 24 dwar it-twaqqif ta' ċentru Ewropew tad-dejta LRIT .

4.3. Emendi mhux milqugħa mill-Kummissjoni u mhux inkorporati fil-Pożizzjoni Komuni

L-emendi 2, 45 u 46, li għandhom bħala effett li jittardjaw l-istallazzjoni ta' l-AIS abbord il-bastimenti tas-sajd, mhumiex kompatibbli ma' l-għan ġenerali tal-proposta tal-Kummissjoni billi l-AIS hija miżura importanti biex jiġu salvati l-ħajjiet.

L-emenda 3 dwar il-ħolqien ta' linja tal-baġit barra mill-Istrument Finanzjarju ta' Gwida għas-Sajd sabiex il-flotta eżistenti titgħammar bl-AIS mhix appoġġata mill-Kummissjoni. Tfakkar li l-istrument applikabbli għall-pjan Komunitarju fid-dawl ta' l-appoġġ finanzjarja għall-istallazzjoni tat-tagħmir tas-sikurezza bħall-AIS huwa l-Fond Ewropew għas-Sajd.

L-emenda 6 dwar il-bastimenti li jeħtieġu l-għajnuna mhix fl-ambitu tad-Direttiva, billi l-intervent ta' rutina fil-każ tal-bastimenti li jeħtieġu l-għajnuna għandu jibqa' fuq il-livell ta' l-Istat Membru skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-proposta tal-Kummissjoni tikkonċerna l-postijiet ta' rifuġju għall-bastimenti f'diffikultà.

L-emenda 11, li tipprevedi projbizzjoni fuq id-dħul fl-ilmijiet territorjali ta' l-Istati Membri ta' bastimenti li m'għandhomx garanzija finanzjarja, tmur kontra d-dritt internazzjonali u għalhekk ma tistax tiġi aċċettata mill-Kummissjoni.

L-emendi 21, 50, 51, 52, 53 u 54 dwar l-istallazzjoni ta' tagħmir AIS biss fuq bastimenti tas-sajd ta' aktar minn 24m (kontra l-15 m fil-proposta tal-Kummissjoni) inaqqsu l-ambitu tal-proposta tal-Kummissjoni u għalhekk mhumiex aċċettabbli. Fil-fatt, l-iċken bastimenti (inqas minn 24 m) huma wkoll l-aktar vulnerabbli għar-riskju ta' kollizzjoni.

5. KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni tieġu nota tal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill, adottata bl-unanimità, iżda tişhaq dwar il-fehma diverġenti tagħha rigward il-kwistjoni ewlenija tal-postijiet ta' rifuġju (il-prinċipju ta' l-akkomodazzjoni tal-bastimenti f'diffikultà f'postijiet ta' rifuġju u r-rekwiżit għall-Istati Membri li jwaqqfu awtorità indipendenti).